TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 52/24/F

Joseph Bonnici

vs

Motomania Limited (C-82413) – Kenneth Gatt

Illum, 2 ta' Mejju 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-5 ta' Marzu 2024;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba fit-2 ta' April 2024 f'idejn id-Direttur tagħha Kenneth Gatt, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta formali;

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tħallsu s-somma ta' mija u ħamsa u tletin Euro (€135) li tirrappreżenta l-valur sabiex jinbidel *speed dial display* ta' mutur elettriku li huwa xtara mingħand l-azjenda intimata. Ir-rikorrent jispjega li huwa xtara l-mutur in kwistjoni f'Diċembru 2022, id-*display* tħassret wara biss sitt xhur u l-azjenda intimata kienet bidlitielu taħt garanzija. Sitt xhur wara, id-*display* reġgħet tħassret iżda din id-darba, Kenneth Gatt, f'isem l-azjenda intimata, irrifjuta li jerġa' jibdel id-*display* u qed jinsisti li din tħassret għax il-mutur waqa'.

Illi fix-xhieda tiegħu, Kenneth Gatt isostni li huwa eżamina l-mutur in kwistjoni viżwalment u fil-fehma tiegħu, mill-grif li jidhru fuqu, huwa manifest li l-mutur ġieli

waqa' u jallaċċja dan il-fatt mat-tħassir tad-*display* għal darbtejn fi żmien ta' sena. Mill-banda l-oħra, taħt ġurament, ir-Rikorrent ċaħad kategorikament li l-mutur kien sofra xi impatti maġġuri minn meta inxtara u għalhekk isostni li d-*displays* tħassru għax difettużi mill-fabbrika.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunità li jifli sewwa ritratti u ankè filmat tal-mutur in kwistjoni provduti minn entrambi l-partijiet. Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal, kull ma huwa manifest fuq il-mutur minn dawn il-provi huwa grif estetiku minimu li huwa kompatibbli ma mutur li jintuża regolarment fit-triq. Bl-ebda mod ma jissostanzjaw b'ċertezza t-teżi li l-mutur sofra impatti kbar tant li realistikament setgħu kienu l-kawża probabbli għat-tħassir tas-*display* elettronika tiegħu għal darba darbtejn.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. Issa f'dan il-każ, ir-rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż il-prezz ta' kemm tiswa' *display* ġdida, li huwa mod kif il-kriterju tat-tnaqqis proporzjonat fil-prezz jista' jiġi kkalkulat meta l-bejjiegħ ikun irrifjuta li jġib l-oġġetti f'konformità u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 74(3)(a) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Intant, it-Tribuna huwa mogħti wkoll diskrezzjoni ekwitattiva hekk kif stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk, skont il-premess, it-Tribunal iqis li li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi u ser jgħaddi biex jilqa' t-Talba hekk kif dedotta.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u b'hekk jordna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' mija u ħamsa u tletin Euro (€135).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru